MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

**GUDIKATUR DR.**
**GRIMA EDWINA**

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2002

Talba Numru. 1641/2002

***David Ellis, bhala Bursar u***
***fl-isem u fl-interess ta'***
***St Edward's College***

***vs***

***Christopher Scott Taggart***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-5 ta' Lulju, 2002, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur nomine s-somma ta' tmien mija u tmintax-il lira Maltin (Lm818) rappresentanti spejjez u drittijiet ta' taghlim u edukazzjoni dovuti lill-kullegg *St. Edward's* in konnessjoni ma' l-attendenza ta' ibnu u dana skond *statement* li huwa anness ma' l-avviz u mmarkat bhala Dokument "A" u "B", kif ukoll ta' ittra mibghuta mill-konvenut stess fejn jammetti li l-ammont huwa dovut immarkata bhala Dokument "C".

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tat-8 ta’ Novembru 2001 u bl-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika ta’ l-istess ittra u cioe’ mit-13 ta’ Novembru 2001 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat baqa’ ma deherx u l-anqas ma pprezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta’ l-attur David Ellis bhala bursar tal-kullegg *St. Edward’s*, li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, kif ukoll tad-dokumenti esibiti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur nomine s-somma ta’ tmien mija u tmintax-il lira Maltin (Lm818), bl-imghax legali mit-13 ta’ Novembru 2001, f’liema data giet notifikata lilu l-ittra ufficjali tat-8 ta’ Novembru 2001.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tat-8 ta’ Novembru 2001 ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**Avukat Dr. Edwina Grima**
**Gudikatur**